fi compass FSE

*avvanz bl-istrumenti finanzjarji tal-FSIE*



# Il-Fond Soċjali Ewropew

## Strumenti finanzjarji

Il-Kummissjoni Ewropea

Bank Ewropew tal-Investiment
il-bank tal-UE

**Strumenti Finanzjarji ko-finanzjati mill-Fond Soċjali Ewropew huma modi sostenibbli u effiċjenti sabiex wieħed jinvesti fit-tkabbir u fl-iżvilupp tal-persuni u tal-abbiltajiet tagħhom b'tali mod li jiġu promossi x-xogħol u l-miri tal-inklużjoni soċjali madwar l-UE. Dawn jistgħu jappoġġjaw firxa wiesgħa ta' objettiivi ta' żvilupp għall-benefiċċju ta' varjetà wiesgħa ta' riċevituri bil-potenzjal li l-fondi jerġgħu jiġu wżati għall-investimenti ulterjuri.**

Il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), wieħed mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, jimmira li jsaħħaħ ix-xogħol u l-opportunitajiet aktar ġusti għal kulħadd. Huwa l-għodda primarja tal-Unjoni Ewropea f'dak li għandu x'jaqsam ma' għajnuna biex persuni jsibu xogħol (jew xogħol aħjar), biex persuni żvantaġġati jintegraw fis-soċjetà u biex jiġu żgurati opportunitajiet aktar ġusti fil-ħajja għal kulħadd. Dan iseħħ billi jsir investiment fuq nies Ewropej u l-ħiliet tagħhom – jaħdmu jew qiegħda, żgħar jew kbar.

Il-FSE għandu baġit globali ta' €86 biljun għal perjodu bejn l-2014-2020. Dan l-appoġġ huwa mmirat għall- 15-il miljun persuna kull sena biex jidħlu fis-suq tax-xogħol jew biex itejbu l-abbiltajiet tagħhom biex isibu xogħol fil-futur jew għall-integrazzjoni soċjali aħjar ta' ċertu individwi fi żvantaġġ.

L-appoġġ tal-FSE jista' jiġi provdut permezz ta' għotjiet u, jiżdied dejjem aktar, permezz ta' strumenti finanzjarji.

Bejn l-2007-13, total ta' 49 strument finanzjarju, primarjament limitati għall-appoġġ lill-SMEs, ġew implimentati f'7 Stati Membri sabiex jiffinanzjaw interventi tal-FSE. Il-bidu modest indika li l-partijiet ikkonċernati tal-FSE kienu nieqsa mill-esperjenza milli jużaw dawn l-istrumenti u mhumiex daqstant imdorrija jħaddmu l-mekkaniżmi tas-suq, iżda dan jimplika wkoll potenzjal kbir li wieħed jindirizza b'mod effettiv, kwistjonijiet soċjali billi juża fondi riċiklati.

**Strumenti finanzjarji**

- huma mistennija li jiġu mħallsa lura;
- huma rotanti i.e. il-fondi mħallsa lura jerġgħu jintużaw għal darboħra fl-istess żona;
- huma addattati għall-proġetti finanzjarjament vijabbli, i.e. dawk li huma mistennija li jiġġeneraw biżżejjed qligħ jew tfaddil sabiex jitħallas lura l-appoġġ li ġie mirċievi;
- huma mfassla biex jattrattaw ko-investiment minn sorsi oħra, li jinkludu investiment privat, biex jiżdied l-ammont ta' fondi disponibbli f'setturi/oqsma partikolari fejn hemm problemi fl-aċċess għall-finanzi;
- jistgħu jieħdu l-forma ta' self, garanziji jew ekwitajiet;
- jistgħu wkoll jappoġġjaw żvilupp tat-tip 'Supply-side', billi jikkontribwixxu għall-iżvilupp tas-suq;
- jistgħu jiġu wżati b'mod komplimentari mal-għotjiet; u
- jistgħu jkunu amministrati minn banek nazzjonali jew reġjonali, organizzazzjonijiet internazzjonali bħal m'huwa l-Bank Ewropew għall-Investiment jew l-Fond Ewropew għall-Investiment, minn intermedjarji finanzjarji, u (għas-self u garanziji biss) minn awtoritajiet maniġerjali.

Bejn l-2014-2020, bir-rikonoxximent tal-vantaġġi tal-istrumenti finanzjarji, l-użu tagħhom ser jiġi estiż **għall-objettivi tematiċi kollha** u huwa mistenni li jintensifika aktar minħabba l-għażliet tal-implimentazjoni imtejba u aktar flessibbli.

Strumenti finanzjarji jisgħu jiġu ko-finanzjati mill-FSE sabiex **jappoġġjaw l-prijoritajiet tal-investiment kif deskritti fil-programmi operazzjonali tal-FSE** mill-Istati Membri u mir-reġjuni, provdut li dawn jindirizzaw l-**vojt identifikat fis-suq,** i.e. oqsma ta' attività fejn il-banek mhumiex lesti li jsellfu u/jew fejn is-settur privat mhux lest li jinvesti. Per eżempju, fejn ma jkunx hemm biżżejjed finanzjament disponibbli għall-individwi sabiex jibdew impriżi mhux kummerċjali, fejn is-suq mhux jissupplixxi biżżejjed kapital lill-SMEs/negozji ġodda jew fejn gruppi ta' individwi spostati/ komunitajiet huma fil-bżonn ta' fondi jew integrazzjoni mill-ġdid lura fl-edukazzjoni jew fis-swieq tax-xogħol.

Strumenti finanazjarji jistgħu għalhekk jikkontribwixxu għall-kisba ta' dawn l-objettivi tematiċi tal-FSE li ġejjin:

- promozzjoni tax-xogħol u appoġġ lill-mobiltà tas-suq tax-xogħol;
- investiment fl-edukazzjoni, ħiliet u edukazzjoni tul il-ħajja;
- promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u ġlied kontra l-faqar; u
- titjib fil-kapaċità istituzzjonali u amministrazzjoni pubblika effiċjenti.

**Firxa wiesgħa ta' strumenti finanzjarji appoġġjati mill-FSE** jistgħu potenzjalment jiġu implimentati:

- **Self**, li jista' jkun disponibbli fejn ma jkun hemm ebda wieħed ieħor offrut kummerċjalment (eż. mill-banek), jew jista' jkun b'termini ferm aħjar minn dawk kummerċjali (eż. b'rati ta' interess aktar baxxi, perjodi ta' ħlas lura itwal, jew b'anqas kollateral meħtieġ). Għaldaqstant, self jista' jingħata lill-individwi sabiex jvaraw l-intrapriżi tagħhom jew sabiex jieħdu aktar taħriġ, lill-intrapriżi soċjali, jew lill-istituzzjonijiet li jaħdmu ma' komunitajiet marġinalizzati – eż. ċittadini spustati f'pajjiżi tat-tielet dinja – sabiex nintegrawhom b'mod aħjar fl-istruttura soċjlai Ewropea.

- **Mikrokrediti**, li huma bħas-self iżda f'forma ferm iżgħar jsiru għall-persuni li xi kultant jiġu esklużi mis-servizzi finanzjarji, ħafna drabi jiġu provduti għal perjodu qasir ta' żmien u mingħajr jew bi ftit kollateral meħtieġ. Eżempji jistgħu jinkludu proviżjoni ta' self għall-intrapriżi soċjali jew għall-imprendituri li għadhom żgħar jew lill-individwi qiegħda talli kisbu taħriġ speċjalizzat b'hekk itejbu l-prospetti tal-impjiegi tagħhom.

- **Garanziji**, fejn tingħata assigurazzjoni lil min ikun qed jislef, li l-kapital tagħhom ser ikun mħallas lura jekk min issellef jonqos milli jħallas is-self. Għaldaqstant, imprendituri li għadhom żgħar, jew intrapriżi soċjali li jimmiraw li jindirizzaw persuni ta' ċertu età/li ilhom qiegħda għal żmien twil iżda m'għandhomx is-sostenn finanzjarju neċessarju, jistgħu jiġu appoġġjati permezz tal-garanziji ko-finanzjati mill-FSE, b;hekk jinħoloq aktar xogħol fl-ekonomija.

- **Ekwità**, fejn il-kapital jiġi investit bħala korrispettiv għall-pussess totali jew parzjali ta' ditta; l-investitur ekwu jista' jassumi xi kontroll maniġerjali tad-ditta u jista' jaqsam il-profitti tad-ditta. L-ewkità tista' tiġi investita fi stadji differenti fiċ-ċiklu tal-ħajja ta' negozju, iżda ekwità sostnuta pubblika-

ment hija l-aktar waħda użata bħala kapital fi stadju bikri għall-finanzjamenti inizjali jew għal dawk li għadhom qed jiftħu (inkluż il-kapital tar-riskju). L-ekwità hija aktar probabbli li tkun relevanti għall-ditti b'riskju għoli jew bi tkabbir potenzjalment għoli, kif ukoll għall-organizzazzjonijiet lokali iżgħar, per eżempju dawk li joħolqu xogħolijiet ġodda u sostenibbli jew dawk li jippilotaw l-innovazzjoni finanzjarja sabiex jippremjaw lill-organizzazzjonijiet soċjali li jwasslu eżiti soċjali ta' valur jew dawk li huma ffukati fuq teknoloġiji innovattivi biex isolvu problemi soċjali evidenti.

Strumenti finanzjarji jistgħu jiġu offruti wkoll flimkien ma' għotjiet u forom oħra ta' assistenza. Ħafna drabi huwa neċessarju li tiġi mtejjba l-prontezza tal-investiment bħala pre-rekwiżit sabiex jatratta fondi ta' investiment. Konsulenzi u tipi oħra ta' appoġġ jistgħu jiġu mogħtija permezz tal-FSE.

Huwa possibbli wkoll li wieħed jikkontribwixxi riżorsi tal-FSE ma' strumenti finanzjarji mħaddma fuq il-livell tal-UE, bħal dawk li jippromwovu l-mikrofinanzi u l-intraprenditorija taħt il-programm għall-Bidla u Innovazzjoni Soċjali (ESI).

Strumenti finanzjarji ko-finanzjati mill-FSE jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp u d-diversifikazzjoni fit-tul ta' opportunitajiet ta' investiment permezz ta' attivitajiet ta' appoġġ f'setturi fejn il-livell ta' investiment ħafna drabi kien subottimali u jistimulaw l-iżvilupp ta' proġetti kummerċjalment vijabbli, b'hekk jiftħu opportunitajiet ġodda fis-suq. Dawn jistgħu joħolqu wkoll opportunitajiet għall-investituri u intermedjarji finanzjarji. Aċċess għall-finanzjament li tipikament kien għali u diffiċli għall-ditti fis-settur soċjali, u f'ħafna Stati Membri is-settur huwa kkunsidrat mill-banek u minn istituzzjonijiet oħra bħala riskju għoli f'termini ta' self u aċċess għall-kreditu. Madanakollu, xi proġetti jistgħu jsiru investimenti aktar attraenti minħabba li s-settur pubbliku sostna l-istrumenti finanzjarji u minhabba l-kondiviżjoni ta' riskji relatati.

## Għal aktar informazzjoni

Għal gwida ta' referenza għall-awtoritajiet maniġerjali dwar l-istrumenti finanzjarji fi programmi tal-FSIE:
http://ec.europa.eu/regional_policy/sources/thefunds/fin_inst/pdf/fi_esif_2014_2020.pdf

Għal informazzjoni dwar l-metodoloġija ta' valutazzjoni ex-ante għall-istrumenti finanzjarji:
http://ec.europa.eu/regional_policy/en/funding/financial-instruments/

Għall-leġislazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej:
http://ec.europa.eu/regional_policy/mt/information/legislation/regulations/

Għas-sit elettroniku tal-'fi-compass', il-pjattaforma tas-serivzzi konsultattivi dwar l-istrumenti finanzjarji taħt l-FSIE:
http://www.fi-compass.eu/

Għal aktar informazzjoni dwar ir-Regolamenti tal-Fond Soċjali Ewropew, inkluż l-Atti Implimentattivi u Delegati:
http://ec.europa.eu/esf/main.jsp?catId=33



## *Entrepreneurship Promotion Fund*

EUR 14.5 miljun FSE
Self + Taħriġ
SME
Litwanja

### *... nappoġġjaw lill-imprendituri sabiex jiżviluppaw negozju sostenibbli ...*

L-Entrepreneurship Promotion Fund fil-Litwanja joffri self flimkien ma' taħriġ b'xejn għan-negozji li għadhom kemm fetħu, imprendituri individwali u intrapriżi soċjali. Tingħata prijorità lill-gruppi żvantaġġati, i.e. persuni qiegħda u persuni b'diżabilità, u dawk taħt id-29 sena jew ta' 'l fuq minn 50 sena.

Mill-2009 'l hawn, l-EPF ppromwova l-impjieg indipendenti u l-imprenditorija sabiex iżomm lin-nies attivi fin-negozju u fis-suq tax-xogħol, li rriżulta fil-ħolqien ta' kważi 2,000 post tax-xogħol. Dan juri kif taħlita ta' taħriġ b'xejn u self tista' tindirizza l-vojt fis-suq fl-appoġġ disponibbli għal dawk li għadhom jibdew.



## *Garanziji ta' dawk li għadhom kemm fetħu u tal-mikrokrediti*

EUR 6.01 miljun FSE
Garanzija
SMEs u negozji li għadhom kemm fetħu
Estonja

### *... nindirizzaw il-vojt finanzjarju ffaċċjat minn negozji li għadhom kemm jiftħu b'kollateral insuffiċjenti ...*

L-istrument ta' garanzija ta' dawk li għadhom kemm jiftħu u tal-mikrokrediti fl-Estonia huwa mmirat għall-ditti fl-ewwel tlett snin ta' tħaddim tagħhom. Il-fond jiggarantixxi kapital għal dawk li għadhom kemm fetħu u kapital t'espansjoni. Flimkien ma dan, avviż ta' konsulenza b'xejn huwa disponibbli sabiex jipprepara l-pjanijiet meħtieġa tan-negoziji bħala parti mill-applikazzjoni għas-self għal dawk li għadhom kemm jiftħu, u jingħata taħriġ provdut miċ-ċentri ta' żvilupp tal-kontea tal-Enterprise Estonia.

L-istrument finanzjarju ilu jopera mill-2008 u sa Diċembru 2013 offra 304 garanziji.



## *Fond ta' Mikrokreditu FSE Campania*

EUR 120 miljun inkluż. EUR 65.5 miljun FSE
Mikrokreditu[2]
SMEs, individwi, mikro-intrapriżi
Italja

### *... nappoġġjaw individwi u mikro-intrapriżi li m'għandhomx aċċess għall-finanzi ...*

Il-Fond ta' Mikrokreditu ESF Campania fl-Italja jappoġġja negozji li għadhom kemm fetħu u spin-offs b'self sal-massimu ta' EUR 25,000 b'ebda interess. Dan jwassal għal iktar investiment, impjiegi u tkabbir fir-reġjun permezz tal-għajnuna mgħotija lil dawn l-individwi li nkella ma; jkollhomx aċċess għall-kreditu.

Mill-2012, Sviluppo Campania, l-aġenzija reġjonali għall-iżvilupp ekonomiku, stabbiliet uffiċċji fir-reġjun kollu. Dan jipprovdi informazzjoni komprensiva u pariri u appoġġ bla ħlas għal negozji ġodda.

Sal-llum, 1,845 riċevitur finali ġew appoġġjati, mill-liema 1,400 minnhom huma SMEs u mikro-intrapriżi u 445 huma individwi, u ġew maħluqa 1,145 post tax-xogħol fir-reġjun.

**www.fi-compass.eu**
**contact@fi-compass.eu**
© EIB (2015)

**European Commission**
Directorate-General
Regional and Urban Policy
Unit B.3 "Financial Instruments and IFIs' Relations"
B-1049 Brussels

**European Investment Bank**
Advisory Services
fi-compass
98-100, boulevard Konrad Adenauer
L-2950 Luxembourg